**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2024**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 1265/2023 JVC**

**V Squared Limited (C-45349)**

**vs**

**(i) 202 Jewellery Limited (C 442574)**

**u**

**(ii) Kirk Joseph Galea (223179M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' V Squared Limited (C-45349) prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' rikorrenti VSqaured Limited [minn hawn il-qudiem 'VSL' u/jew ir-rikorrenti'], liema hija inkorporata gewwa Malta, toffri varji servizzi relatati *inter alia* ma' *brand management* u *marketing*, u servizzi ancillari ohrajn;

2. Illi l-intimati jahdmu fis-settur tal-gojjelerija, bl-intimat Kirk Joseph Galea jagixxi bhala direttur tas-socjeta' intimata 202 Jewellery Limited [minn hawn il-qudiem kollettivament maghrufa bhala 'l-intimati'];

3. Illi fil-perjodu ta' bejn it-30 ta' Novembru 2022 u l-31 ta' Mejju 2023, is-socjeta' rikorrenti rendiet varji servizzi lill-intimati li principarjament kienu li titmexxa *marketing campaign* f'isem u ghan-nom tal-intimati (ara anness affidavit ta' Rachel Cachia anness bhala **DOK A**);

4. Illi x-xoghol kollu li sar, kumulittivament jammonta għal Erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13], (hekk kif jidher minn invoice hawn annessi u mmarkati bħala **'DOK B'**);

5. Illi tali hlasijiet da parti tal-intimati baqghu ma sarux, u dana minkejja varji interprelazzjonijiet, **kif ukoll konferma da parti ta' l-istess intimati li tali hlasijiet kienu ser isiru**;

6. Illi minkejja varji interpellazzjonijiet formali, senjetament permezz ta' ittri datati 21 ta' Awwissu u kif ukoll avviz finali ,l-intimanti baqghu inadempjenti (ara anness kopja tal-ittri bhala **'DOK C'** u **'DOK D'**);

7. Illi l-ammont sopracitati ghadhom sa llum il-gurnata dovuti u ghalhekk l-intimati huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' Erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13];

8. Illi fl-ebda hin u mument l-intimati ma' indikaw li ma' kienux kuntenti, bil-ftit jew bil-hafna bis-servizz, u ghalhekk ma' hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn il-hlassijiet ma' sarux;

9. Ili għalhekk is-socjeta' rikorrenti ma' kella l-ebda għażla oħra għajr li tintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju u sussugwentament, dawn il-proceduri sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha;

10. Illi ghal kull *buon fini*, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju qed jigi hawn anness bhala **'DOK D';**

11. Illi *ai termini* ta' artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, VSL tiddikjara li l-intimati ma' ghandhom l-ebda difiza xi jgiebu;

**Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti qedin umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. **TIDDECIEDI din il-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **TIDDIKJARA u TIDDECIEDI illi l-konvenuti huma debiturI tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' Erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13], għar-raġunijiet sueċċepiti u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament; u**

3. **TILLIKWIDA l-kumpens dovut lis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' Erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13], hekk kif precedentement iddikjarat;**

4. **TIKKUNDANNA lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk precedentement illikwidat;**

**Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-intimati jew minn minnhom, bl-interessi legali li minn issa qed tigi ngunta in subbizzjoni.'**

Rat illi l-intimati gew debitament notifikati permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni b'dana li l-ahhar pubblikazzjoni hija datata 10 ta' Lulju 2024, esebita fl-atti.

Rat illi l-intimati msejhin diversi drabi ma dehrux.

Rat illi s-socjeta' rikorrenti in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni talbet lill-Qorti sabiex tilqa' l-ewwel talba tenuta fir-rikors guramentat.

Il-Qorti fic-cirkostanzi tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba sabiex tiddeciedi l-kawza skont id-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et seq. Tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu rat illi llum stess xehdet Rachel Cachia in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti li konfermat li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Rat ukoll il-bosta dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat inkluz l-affidavit tal-istess Rachel Cachia fejn tikkonferma kif l-ammont huwa dovut b'dokumentazzjoni ohra li turi l-ammont kif inhadem u kif sar dovut. Rat ukoll l-ittra legali interpellatorja mibghutha lis-socjeta' intimata. Rat is-sekwestru datat 16 ta' Ottubru 2023 ghall-istess ammont u rat l-'istatement' ezebit a fol. 15 li lkoll ikkonfermaw l-ammont kif dovut u cioe' dak ta' erbgha u tletin elf, erbgha mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€34,438.13).

Illi l-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, in vista tal-provi fl-atti u tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-intimati, tqies li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13] u bl-imgħax legali mid-data tallum sal-pagament effettiv;

3. Tilqa' it-tielet talba u tillikwida l-kumpens dovut lis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u tletin Ewro u tlettax il-ċentezmu [€34,438.13];

4. Tilqa′ ir-raba′ talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta′ sekwestru, kontra l-istess intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta′ Awwissu 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**6 ta′ Awwissu 2024**